PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2013/0255(APP)**

12.2.2014

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
(COM(2013)0534 – C7-0000/2014 – 2013/0255(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Evelyn Regner

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Premessi**

A. Billi l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għandu jsir il-pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u għandu jitqies bħala l-mutur tal-integrazzjoni tad-dritt kriminali Ewropew,

**Rakkomandazzjonijiet**

1. Jistieden lill-Kunsill, meta jeżamina l-proposta tal-Kummissjoni, iqis ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kriterji li jirregolaw il-kompetenza anċillari tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) skont l-Artikolu 13 tal-proposta għandhom jiġu definiti b'mod ċar minn qabel. B'mod partikolari,

a) ir-reati msemmija fl-Artikolu 13 għandhom ikunu biss dawk previsti f'atti leġiżlattivi tal-Unjoni;

b) reati ta' dan it-tip għandhom jitqiesu bħala "marbutin b'mod indissolubbli" mar-reati msemmija fl-Artikolu 12 kull meta jkunu strumentali fit-twettiq tagħhom jew imwettqa sabiex tkun żgurata l-impunità tagħhom;

c) il-kundizzjoni li r-reati msemmija fl-Artikolu 12 huma preponderanti għandha tinkludi wkoll valutazzjoni kwalitattiva u mhux biss kwantitattiva;

d) il-kundizzjoni li r-reati msemmija fl-Artikolu 13 huma bbażati fuq fatti identiċi għandha titħassar, sabiex il-kompetenza anċillari tkopri ż-żewġ każijiet fejn l-istess trasgressur iwettaq bosta atti kriminali separati u każijiet fejn dak l-istess att ikun offiża kontra bosta dispożizzjonijiet differenti;

(ii) relazzjonijiet tal-EPPO mal-Eurojust, l-Europol u l-OLAF għandhom jiġu regolati kemm jista' jkun fir-regolament li jistabbilixxi l-EPPO. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 57 u 58 tal-proposta għandhom, għalhekk, ikunu relatati biss ma' arranġamenti sempliċement prattiċi;

(iii) fl-ebda każ l-EPPO ma għandu jeżerċita l-kompetenza tiegħu fir-rigward ta' offiżi kommessi qabel ma jsir kompletament operattiv. L-Artikolu 71 tal-proposta għandu jiġi emendat kif jixraq;

(iv) sabiex tiġi żgurata ċertezza akbar tad-dritt, l-identifikazzjoni tal-ġurisdizzjoni kompetenti għandha tiġi stabbilita minn qabel, bi qbil mal-prinċipju tal-'ġudikant fiżiku'. L-Artikolu 27 tal-proposta għandu jiġi emendat kif jixraq;

(v) għandha tiġi żgurata l-ekwità tal-istrumenti investigattivi, għall-fini li jiġi evitat il-forum shopping, u l-kompatibilità tagħhom mas-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri;

2. Jilqa' l-fatt li, skont ir-reġim applikabbli għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-EPPO, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni f'tilwim dwar il-kumpens għad-danni f'termini simili għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 268 TFUE; madankollu, jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li żewġ qrati differenti - fil-livell tal-UE u dak nazzjonali rispettivament - għandhom jisimgħu azzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-EPPO u azzjonijiet għat-tħassir tal-miżuri proċedurali tiegħu, inklużi dawk li minnhom jista' jirriżulta dritt għal kumpens għal danni;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas leġiżlattiv koerenti għall-EPPO u l-Eurojust li jirrifletti l-funzjonijiet differenti taż-żewġ korpi kif imnaqqax fl-Artikoli 85 u 86 TFUE rispettivament;

4. Jirrakkomanda li, skont kif inhu stabbilit fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86(1) tat-TFUE, li permezz tiegħu l-Kunsill jista' jistabbilixxi EPPO "mill-Eurojust", il-Kummissjoni tipprevedi trasferiment sempliċi ta' riżorsi finanzjarji mill-OLAF għall-EPPO, u li l-EPPO jibbenefika mill-għarfien espert u l-valur miżjud tal-membri tal-persunal tal-Eurojust;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-każ ta' esklużjoni fakultattiva tal-Istati Membri jew ta' kooperazzjoni msaħħa li tiġi stabbilita skont l-Artikolu 86(1) TFUE, tagħmel proposti xierqa sabiex tirregola l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri li qed jipparteċipaw u dawk li mhumiex, b'attenzjoni speċjali għall-każijiet fejn ġew imwettqa reati transkonfinali, jew fejn it-trasgressuri huma bbażati, fi Stati Membri li mhux qed jipparteċipaw;

6. Jiddeplora li, skont l-esperjenzi attwali tar-rikonoxximent reċiproku, huwa diffiċli li jiġi mistenni mill-Istati Membri li jirrikonoxxu u jammettu l-evidenza li nġabret fi Stati Membri oħra fuq il-bażi ta' standards sostanzjalment differenti; jirrimarka li d-diverġenza bejn il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri hija partikolarment impressjonanti fir-rigward tat-tekniki speċjali tal-investigazzjoni, għaliex ħafna drabi huwa l-każ li, għalkemm ċerta teknika tkun strettament regolata fi ftit Stati Membri, f'oħrajn ma tkun regolata xejn;

7. Huwa tal-fehma li l-EPPO jista' jingħaqad mal-Kulleġġ tal-Eurojust bħala membru extra kull meta jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

8. Jikkunsidra li l-qasam tal-applikabbiltà tal-liġi proċedurali nazzjonali għandu jkun eżaminat bir-reqqa u, possibilment, ristrett, peress li l-ġeometrija varjabbli tinfluwenza l-poteri tal-EPPO fejn timmina l-effiċjenza u tinkoraġġixxi l-forum shopping, kif ukoll taffettwa d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata;

9. Iqis li t-taħriġ xieraq fid-dritt kriminali tal-UE għall-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-persunal tagħhom għandu jingħata b'mod uniformi u effettiv;

10. Jilqa' l-korsijiet ta' taħriġ għall-avukati organizzati b'mod konġunt mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Kriminali Ewropea (ECBA) u l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) u

jinkoraġġixxi korsijiet imfassla apposta sabiex tittejjeb il-kwalità tad-difiża fi proċeduri kriminali mressqa mill-EPPO.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 11.2.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 19<br>–: 4<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sylvie Guillaume, Jan Mulder, Jaroslav Paška |